**STQARRIJA MILL-PRIM MINISTRU JOSEPH MUSCAT DWAR IL-KUNSILL EWROPEW LI LTAQA' L-ĦAMIS 15 TA' OTTUBRU 2015**

Sur President,

Nixtieq nirrapporta lil din il-kamra dwar ix-xogħol li sar waqt il-Kunsill Ewropew li ltaqa' nhar il-Ħamis 14 ta' Ottubru, u li l-konklużjonijiet tiegħu qed inpoġġihom fuq il-Mejda tal-Kamra.

Dan il-Kunsill, kif kien ippjanat, iffoka fuq l-immigrazzjoni u s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani. Apparti minn hekk, missejna wkoll ma' temi marbuta mal-Unjoni Ekonomika u Monetarja; l-pjani tar-Renju Unit għal referendum dwar is-sħubija fl-Unjoni Ewropea, u l-Konferenza tal-Ġnus Magħquda dwar it-tibdil fil-klima – COP21, li se tiġi organizzata f'Pariġi f'Diċembru li ġej.

## UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA

Filwaqt li d-diskussjoni prinċipali se tkun qiegħda ssir fil-Kunsill Ewropew ta' Diċembru, saret diskussjoni qasira dwar il-Presidents' report fuq it-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Il-Kunsill qabel li hemm bżonn diskussjoni wiesgħa dwar dan is-suġġett.

## REFERENDUM DWAR l-ISĦUBIJA TAR-RENJU UNIT

Il-Kunsill Ewropew ġie aġġornat dwar l-aħħar żviluppi bi tħejjija għar-referendum dwar is-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni Ewropea. Il-Prim Ministru Cameron saħaq li konvint li bi qbil tajjeb se jkun f'pożizzjoni biex jikkonvinċi lill-poplu li jirrappreżenta biex jivvota favur tkomplija ta' sħubija. Huwa qabel li matul ix-xahar ta' Novembru jibgħat it-talbiet tiegħu għal rinegozjar bil-miktub. Diskussjoni se ssir f'Diċembru. Hemm possibbiltà li f'Diċembru ikun hemm indikazzjoni ta' punti ta' konverġenza.

## LAQGĦA TAL-ĠNUS MAGĦQUDA DWAR IT-TIBDIL FIL-KLIMA

Kellna wkoll diskussjoni qasira dwar il-preparamenti għal-laqgħa tal-Ġnus Magħquda dwar it-tibdil fil-klima (COP21) li se tkun qed titlaqqa' f'Pariġi, f'Diċembru li ġej. Il-President Franċiż Francois Hollande spjega l-preparamenti li għaddejjin dwar din il-laqgħa, li għaliha ħafna pajjiżi diġà taw il-kontribuzzjonijiet tagħhom. Ix-xogħol f'dan ir-rigward se jkun qed ikompli biex jiġu konvinti iktar pajjiżi għas-sehem tagħhom f'azzjoni kontra t-tibdil fil-klima.

F'dan l-aspett, Malta, se tkun qed tiddiskuti din it-tema ukoll waqt il-laqgħa f'sessjoni speċjali dwar CHOGM ix-xahar id-dieħel li għaliha se jattendu l-President Franċiż Francois Hollande u s-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda Ban-Ki Moon.

Id-dikjarazzjoni tal-Commonwealth qed titqies bħala kruċjali għal bażi ta' ftehim f'Pariġi.

**MIGRAZZJONI**

Sur President, il-qofol tal-Kunsill Ewropew kienet id-diskussjoni dwar il-kriżi tar-refuġjati li laqtet lill-Ewropa u diversi pajjiżi oħra ġirien tas-Sirja. Waqt il-laqgħa qbilna fuq tliet aspetti: il-kooperazzjoni meħtieġa ma' pajjiżi terzi biex jitwaqqaf l-influss ta' immigranti; it-tisħiħ tal-protezzjoni tal-fruntieri tal-Unjoni Ewropea; u l-ħidma fuq l-akkoljenza ta' refuġjati u r-ritorn ta' dawk li ma għandhomx dritt għall-ażil.

Nista' ngħid li din il-laqgħa kienet kontinwazzjoni tas-Summit straordinarju li kellna ftit tal-ġimgħat ilu.

Rigward il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, l-ewwel diskussjoni li kellna kienet dwar it-Turkija, fejn kien hemm qbil dwar il-Pjan ta' Azzjoni konġunt mat-Turkija bħala parti minn aġenda ta' kooperazzjoni bejn iż-żewġ naħat. Minkejja li fil-mezzi tax-xandir kien hemm rapporti dwar pakkett ta' €3 biljun għat-Turkija, ma kien hemm l-ebda qbil simili. Il-qbil kien li jibdew taħditiet dwar Pjan ta' Azzjoni li jkun jinkludi ukoll pakkett finanzjarju.

Id-diskussjoni ffukat dwar il-Valletta Summit b'mod partikolari l-kisba ta' miżuri konkreti li rridu li joħorġu minn din il-laqgħa, li se tkun qed tlaqqa' lill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern Afrikani flimkien ma' dawk tal-Unjoni Ewropea.

F'dan is-sens il-Valletta Summit se jkun qiegħed jiffoka fuq ir-ritorn u r-riamissjoni effettiv ta' nies li ma għandhomx dritt għall-ażil, b'mod ġust u bbilanċjat; u fuq il-qerda tan-networks kriminali u l-prevenzjoni tal-immigrazzjoni illegali. Fl-istess waqt, se nkunu qegħdin naraw xi sforzi reali jistgħu isiru biex ikun hemm titjieb fl-iżvilupp soċjoekonomiku tal-Afrika u impenn għal possibbiltà ta' immigrazzjoni legali lejn l-Ewropa. Dan permezz ta' strumenti eżistenti u ġodda li qed jitħejjew.

Tkellimna wkoll dwar it-tisħiħ tal-protezzjoni tal-fruntieri Ewropej. Qbilna li għandna naħdmu biex ikun hemm stabbiliment gradwali ta' sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri Ewropej. Dan għandu jsir billi, fost l-oħrajn, jissaħħaħ il-mandat eżistenti tal-Frontex – dejjem b'rispett lejn id-distribuzzjoni tal-kompetenzi skont it-Trattat u b'rispett sħiħ lejn il-kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri. Għalhekk, il-Kummissjoni Ewropea ġiet mistiedna tippreżenta malajr pakkett ta' miżuri bil-għan li tittejjeb il-ġestjoni tal-fruntieri.

Tkellimna wkoll dwar l-influss ta' refuġjati fl-Ewropa u l-iżgurar tar-ritorn tagħhom. Malta, fl-aħħar xhur, qed tesperjenza influss ferm inqas ta' immigranti, anke permezz ta' kollaborazzjoni mill-qrib ma' l-Italja. Sodisfatti, li fl-istess ħin qed jiġi ssettjat fl-Unjoni Ewropea prinċipju ċar ta' qsim tar-responsabbiltà, prinċipju li Malta ilha taħdem snin għalih. B'hekk jekk Malta, kif jista' jiġri, terġa' taffaċċja kriżi llum se ssib l-għajnuna tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri l-oħra.

Fuq dan il-qasam, fost l-oħrajn, komplejna bix-xogħol sabiex jiġu stabbiliti aktar hotspots fil-limitu ta' żmien maqbul biex tiġi żgurata l-identifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni, it-teħid tal-

marki ta' swaba' u l-akkoljenza ta' applikanti għar-refuġju. Fl-istess waqt niżguraw r-rilokazzjoni u anke r-ritorn. Rigward ir-ritorn, għandu jinħoloq uffiċċju ġdid fi ħdan il-Frontex, qabel tmiem is-sena.

Sur President, nemmen li hemm bżonn sitwazzjoni fejn pajjiżi Afrikani li lesti jikkooperaw u jieħdu lura f'pajjiżhom persuni li ma jkollhomx dritt ta' ażil, ngħinuhom aktar. Filwaqt li pajjiżi li ma jikkooperawx ma jibqgħux igawdu mill-istess status li għandhom illum. Għalhekk tkellimt, u qbilna, li għandu jintuża l-prinċipju ta' *more for more* għall-pajjiżi li jaċċettaw ir-ritorn u r-riamissjoni. Infatti, f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ser jipproponu, fi żmien sitt xhur, inċentivi komprensivi u adatti li għandhom jintużaw fir-rigward ta' pajjiżi terzi.

Stedint lill-President tal-Parlament Ewropew Martin Schulz u lill-President tal-Kunsill Ewropew Donald Tusk biex lejliet il-Valletta Summit, jiġifieri fl-10 ta' Novembru, jindirizzaw din il-Kamra f'sessjoni speċjali. Nixtieq inħabbar li ż-żewġ Presidenti aċċettaw l-istedina f'okkażjoni pjuttost rari għall-kapijiet ta' żewġ istituzzjonijiet Ewropej li jindirizzaw Parlament Nazzjonali flimkien. B'hekk il-Parlament Malti jkollu d-dinjità li jkollu sehem f'dan il-mument storiku għall-pajjiżna li se jkun qed jgħaqqad żewġ kontinenti, l-Afrika u l-Ewropa flimkien, fi djalogu fuq suġġett li jaffettwana lkoll. L-istedina għamiltha wkoll lill-President tal-Kummissjoni Ewropea, Jean-Claude Juncker iżda sfortunatament għalissa ma jistax ikun magħna jum qabel minħabba impenji fl-aġenda tiegħu.

**SIRJA U LIBJA**

Sur President, il-Kunsill Ewropew iddiskuta s-sitwazzjoni delikata fis-Sirja, bl-aħħar żviluppi politiċi u militari, inkluż l-impatt li dawn għandhom fuq il-migrazzjoni. Qbilna, li r-reġim ta' Assad iġorr l-akbar responsabbiltà għall-mewt ta' 250,000 persuna fil-konflitt u għall-miljuni ta' persuni li kellhom jaħarbu mis-Sirja. Fl-istess ħin, sħaqna li tibqa' l-ħtieġa biex niffokaw aktar fuq il-ġlieda kontra l-ISIS u gruppi terroristiċi oħrajn.

Fir-rigward tal-Libja, il-Kunsill Ewropew laqa' d-dikjarazzjoni li saret mill-Ġnus Magħquda u appella lill-partijiet kollha biex japprovawh mill-iktar fis possibbli.